# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 17**

**Rikors Maħluf Numru 131/2022 NC**

**Gordon's Moto Dealer Limited**

**vs.**

**Fetchit Technologies Limited**

Illum is-sitta (6) ta' Diċembru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Gordon's Moto Dealer Limited (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fil-15 ta' Frar 2022 li jgħid hekk:

> *"1. Illi s-soċjeta' esponenti hija kumpanija liċenzjata illi timporta u tbiegħ, fost oħrajn, muturi ta' l-għamla KYMCO, u kif ukoll toffri servizzi ta' motor service u manutenzjoni;*

*2. Illi fis-17 ta' Ġunju 2019, is-soċjeta' esponenti biegħet lis-soċjeta' intimata erba' (4) muturi tad-ditta KYMCO u mudell Agility 16+ 125, għas-somma komplessiva ta' disat elef u seba' mitt ewro (€9,700.00), liema somma kienet tinkludi l-ħlas għan-numri ta' reġistrazzjoni, liċenzji u spejjeż oħra relatati għat-trasferimenti relattiv;*

*3. Illi minkejja illi s-soċjeta' intimata kienet bdiet teffettwa pagamenti mensili, skond il-ftehim bejn il-partijiet odjerni, hija waqfet għal kollox milli tkompli teffettwa tali pagamenti u llum għad hemm bilanċ ta' elf u tlieta u tmenin ewro u tletin ċenteżmi (€1083.30), u dan kif jirriżulta mill-annessa fattura mmarkat bħala Dok. GMD1;*

*4. Illi minkejja illi s-soċjeta' esponenti interpellat diversi drabi lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas l-ammont dovut, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali, hija baqgħet inadempjenti;*

*5. Illi in oltre, fit-30 ta' Settembru 2019, l-istess soċjeta' esponenti biegħet lill-istess soċjeta' intimata tmien (8) muturi oħra, tad-ditta KYMCO u mudell Agility 16+ 125, għas-somma komplessiva ta' dsatax-il elf u erba' mitt ewro (€19,400), liema somma kienet tinkludi l-ħlas għan-numri ta' reġistrazzjoni, liċenzji u spejjeż oħra relatati għat-trasferimenti relattivi;*

*6. Illi minkejja illi s-soċjeta' intimata kienet bdiet teffettwa l-pagamenti mensili, skond il-ftehim bejn il-partijiet odjerni, hija waqfet għal kollox milli tkompli teffettwa tali pagamenti mensili, u llum għad hemm bilanċ pendenti ta' sebat elef, disa' mija u disgħa u ħamsin ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmi (€7959.58) u dan kif jirriżulta mill-anessa fattura mmarkat bħala Dok. GMD 2;*

*7. Illi minkejja li s-soċjeta' esponenti interpellat lis-soċjeta' intimata diversi drabi sabiex teffettwa tali pagamenti, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali, hija baqgħet inadempjenti;*

*8. Illi, in oltre dan, is-soċjeta' esponenti, fuq diversi okkażjonijiet, pprovdiet diversi servizzi ta' services u manutenzjoni relattiva*

*fuq il-muturi in kwistjoni, inkluż it-tibdil ta' parts fejn kien hemm bżonn;*

*9. Illi, għal dak li jirrigwarda tali servizzi u manutenzjoni, is-soċjeta' intimata għandha tħallas lis-soċjeta' esponenti s-somma ta' sebat elef, mija u tmintax-il ewro u disgħa u sittin ċenteżmi (€7,118.69), u dan kif jirriżulta mill-anness statement immarkat bħala Dok. GMD3;*

*10. Illi minkejja illi s-soċjeta' intimata ġiet interpellata diversi drabi, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali, hija baqgħet inadempjenti;*

*11. Illi għalhekk, is-soċjeta' intimata għandha tagħti lis-soċjeta' esponenti s-somma komplessiva ta' sittax-il elf, mija u wieħed u sittin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (€16,161.57) ammont rappreżentanti l-bilanċ pendenti u dovut mis-soċjeta' intimata, għal bejgħ lilha ta' diversi muturi u għas-servizzi reżi u manutenzjoni effetwat fuq l-istess muturi, u li minkejja d-diversi interpellazzjonijiet magħmula, inkluż permezz ta' Ittra Uffiċjali bin-Numru ta' Referenza 1378/2021, ippreżentata fid-9 ta' April 2021 u debitament notifikata lis-soċjeta' intimata, hija baqgħet għal kollox inadempjenti;*

*12. Illi għalhekk kellha tiġi ntavolata din il-kawża;*

*13. Illi l-fatti kollha hawn indikati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti;*

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni, provvediment u ordni meħtieġa skont il-liġi jogħġobha:-*

*a. Tiddikkjara s-soċjeta' intimata bħala debitriċi tas-soċjeta' esponenti fl-ammont komplessiv ta' sittax-il elf, mija u wieħed u sittin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (€16,161.57) ammont rappreżentanti l-bilanċ pendenti u dovut mis-soċjeta' intimata in konnessjoni mal-bejgħ lilha ta' diversi muturi fis-17 ta' Ġunju 2019 u t-30 ta' Settembru 2019, u in konessjoni mas-servizzi reżi*

*u manutenzjoni relattiva effetwata fuq il-muturi in kwistjoni, kif fuq premess;*

*b. Tikkundanna u tordna lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' esponenti s-somma komplessiva ta' sittax-il elf, mija u wieħed u sittin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (€16,161.57).*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-Ittra Uffiċjali bin-Numru ta' Referenza 1378/2021 ippreżentata fid-9 ta' April 2021, u bl-imgħaxijiet legali minn Awissu 2020 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjeta' intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Frar 2022 (*a fol.* 9) li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tal-24 ta' Marzu 2022 u fejn ġie ordnat li r-Rikors Maħluf jiġi notifikat lis-soċjeta' konvenuta Fetchit Technologies Limited b'għoxrin jum żmien min-notifika biex tressaq ir-Risposta Maħlufa tagħha.

Rat illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta Fetchit Technologies Limited ġiet debitament notifikata b'dawn il-proċeduri bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affisjoni, mhux talli ħadd ma deher in rappreżentanza tagħha għas-seduti miżmuma mill-Qorti, talli anqas ressqet ir-Risposta Maħlufa tagħha u b'hekk, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2022 (*a fol.* 37), il-Qorti ddikjarat li kienet tinsab fi stat ta' kontumaċja.

Rat illi minkejja li fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2022 (*a fol.* 38) is-soċjeta' konvenuta Fetchit Technologies Limited ġiet mogħtija żmien sabiex tippreżenta Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha *ai termini* ta' Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija baqgħet ma ppreżentat l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

lli qabel il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjoni tagħha fir-rigward tat-talbiet tas-soċjeta' attriċi hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħha hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et** (Numru 273/2003/1) deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005 fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. *Vide* Kollez. Vol. XXIX P III p 35".

Illi dan ifisser li l-fatt li s-soċjeta' konvenuta tinsab fi stat ta' kontumacja ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabilita' illi tindaga t-talbiet tas-soċjeta' attriċi humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi s-soċjeta' konvenuta naqset milli tirrispondi għat-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf u ħadd ma deher in rappreżentanza tagħha għas-seduti tal-Qorti wara li hija ġiet debitament notifikata skont il-liġi.

Illi riferenza ssir għal dak li jipprovdi Artikolu 201 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Jekk il-konvenut jew l-avukat tiegħu, jew, fil-kawżi quddiem il-qrati inferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu, jonqos li jidher, il-kawża tista' tiġi maqtugħa skont il-liġi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegħ ta' dik ix-xhieda li l-Qorti tista' tqis li tkun meħtieġa, għad li huwa ma jkunx deher".

Illi dan huwa l-każ fil-każ odjern u ġialadarba s-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata skont il-liġi bil-proċeduri odjerni u hija ma ppreżentat l-ebda Risposta Maħlufa u la ħadd ma deher in rappreżentanza tagħha u lanqas l-avukat tagħha ma deher il-Qorti

għall-kawża odjerna, għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża in eżami skont il-liġi u dan a bażi tal-atti ppreżentati u x-xhieda prodotti mis-soċjeta' attriċi *ai termini* ta' Artikolu 201 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2022 ġie ppreżentat affidavit ta' **Gordon Micallef** (in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi – *a fol.* 40 *et seq.*). Fir-Rikors Maħluf u fl-affidavit imsemmi, Gordon Micallef jgħid li permezz tas-soċjeta' attriċi li huwa direttur u sid tagħha jimportaw u jbiegħu muturi u ATV's, jissupplixxu *parts* ghalihom u jagħtu servizzi ta' *servicing* u manutenzjoni tal-muturi u ATV's lill-klijenti tagħhom. Jgħid li għal ħabta ta' Ġunju 2019 kien ġie avviċinat minn John Sebastian Ripard li kien qed jirrappreżenta s-soċjeta' konvenuta Fetchit Technologies Limited fejn kien kellmu sabiex jixtri u jakkwista erba' muturi. Jgħid li fis-17 ta' Ġunju 2019, is-soċjeta' konvenuta xtrat mingħand is-soċjeta' attriċi erba' *scooters* ġodda, li kollha kienu tad-ditta KYMCO u li l-mudell taghhom kien Agility 16+ 125. Jgħid li dawn l-erba' b'kollox inbiegħu għal disat elef u seba' mitt Euro (€9,700), liema ammont kien jinkludi wkoll l-ispejjeż dwar ir-registrazzjoni tal-muturi, il-liċenzji u spejjeż oħra relatati sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu trasferiti ghal fuq is-soċjeta' konvenuta. Jispjega li mal-bejgħ kien intlaħaq ftehim rigward kif kellu jsir il-ħlas tal-bilanċ u dwar kif kellhom isiru l-pagamenti u li l-qbil kien illi jsir ħlas ta' l-ammont ta' ħames mija u erbgħa u sittin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu kull xahar (€564.82), li minn dan l-ammont ħames mija u wieħed u erbgħin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€541.67) kien jirrappreżenta l-bilanċ u tlieta u għoxrin Euro u ħmistax il-ċenteżmu (€23.15) kienu interessi. Jgħid li kien hemm qbil dwar dan l-arranġament u li filfatt kienu nxtraw il-muturi. Jispjega li fil-bidu s-soċjeta' konvenuta bdiet teffettwa l-pagamenti mensili u tonera l-ftehim, izda wara l-aħħar pagament li għamlu fit-2 ta' Settembru 2020, ma baqax isir il-ħlas. Jispjega illi dwar dan il-bejgh li sar fis-17 ta' Ġunju 2019, għad hemm bilanċ pendenti ta' elf u tlieta u tmenin Euro u tletin ċenteżmu (€1083.30) u dana l-ammont eskluż l-interessi. Jgħid li dan kollu jirriżulta minn Dok. "GMD 1" (*a fol.* 5).

Jispjega li fit-30 ta' Settembru 2019, is-soċjeta' konvenuta akkwistat tmien muturi oħra, kollha tad-ditta KYMCO, u mudell Agility 16+ 125, liema bejgħ kien jammonta għas-somma totali ta' dsatax-il elf u erba' mitt Euro (€19,400), liema ammont kien jinkludi wkoll l-ispejjeż dwar ir-reġistrazzjoni tal-muturi, il-liċenzji u spejjeż oħra relatati sabiex ikunu jistgħu jiġu trasferiti għal fuq is-soċjeta' konvenuta. Jgħid li l-ftehim fuq dawn il-muturi fir-rigward ta' pagamenti kien illi s-soċjeta' konvenuta kellha tħallas l-ammont ta' elf, mija u disgħa u għoxrin Euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€1,129.63) kull xahar, li minn dawn elf u tlieta u tmenin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€1,083.33) kien għal bilanċ u sitta u erbgħin Euro u tletin ċenteżmu (€46.30) bħala interessi. Jiftakar illi għal habta ta' Ġunju 2020, minflok dan l-ammont li kien dovut fix-xahar, is-soċjeta' konvenuta qabdet u ħallset biss mitejn u tnejn u tmenin Euro (€282.00). Jgħid li dan l-ammont kien għal żewġ pagamenti oħrajn ta' wara dan u li l-aħħar pagament kien fit-2 ta' Settembru 2020. Jgħid li wara din id-data ma sar l-ebda ħlas ta' ammont ieħor u li l-bilanċ pendenti għat-tieni bejgħ li sar fit-30 ta' Settembru 2019 huwa dak ta' sebat elef, disa' mija u disgħa u ħamsin Euro u tmienja u ħamsin ċentezmu (€7,959.58) liema ammont jeskludi l-interessi. Jgħid li dan kollu jirriżulta minn Dok. "GMD 2" (*a fol.* 6).

Jgħid li l-ammont pendenti u li għadu dovut għaż-żewġ bejgħ ta' diversi muturi jammonta għal disat elef, tnejn u erbgħin Euro u tmienja u tmenin ċentezmu (€9,042.88) u dana mingħajr interessi. Jgħid li s-soċjeta' konvenuta għadha ma rritornatx il-muturi lura minkejja li ma sarx il-ħlas tal-bilanċ pendenti u li għadha qed tagħmel użu liberu minnhom.

Jispjega illi apparti li s-soċjeta' konvenuta kienet akkwistat il-muturi msemmija, hija kienet ukoll tixtri minn għand is-soċjeta' attriċi *spare parts* għal diversi muturi u li minkejja li s-soċjeta' konvenuta kienet tixtri dawn il-*parts*, hija ma kinitx tieħu l-muturi għandhom sabiex isir *servicing* fuqhom. Jgħid li fir-rigward ta' l-ammont pendenti għall-i*spare parts*, kull darba illi kienu jinxtraw *parts* mingħand is-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' attriċi kienet toħroġ *invoice* relattiva li hija r-*request for payment* u din kienet tintbagħat direttament lis-soċjeta' konvenuta sabiex titħallas. Jgħid li filwaqt illi kienu jintbagħtu l-

*invoices*, is-soċjeta' konvenuta ma bdietx tħallas mill-bidu. Jikkonferma illi mill-bejgh ta' dawn l-i*spare parts*, is-soċjeta' konvenuta għandha tagħti lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' sebat elef, mija u tmintax-il elf Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€7,118.69).

Jikkonferma li l-ammont globali li s-soċjeta' konvenuta għandha tagħti lis-soċjeta' attriċi, kemm għal bejgħ tal-muturi u kif ukoll għall-i*spare parts*, huwa dak ta' sittax-il elf, mija u wieħed u sittin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€16,161.57) liema ammont ma jinkludix interessi u minn liema ammont is-soċjeta' konvenuta għadha ma ħallset xejn minnu

Jispjega li meta s-soċjeta' konvenuta kienet waqfet thallas, is-soċjeta' attriċi kienet bagħtet diversi *emails* u ittri u li hu għamel telefonati personalment sabiex jara għalfejn ma kienx qed isir il-ħlas u sabiex jara meta ser ikompli l-ħlas izda dan kien kollu ghal xejn. Jgħid li eventwalment kellhom jinfetħu l-proċeduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2022, xehed l-imsemmi **Gordon Micallef** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn eżebixxa dokumenti li ġew immarkati bħala Dok. "X" (*a fol.* 46 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, inkluż id-dokumenti eżebiti, il-Qorti jirriżultalha li ġie sodisfaċentement ippruvat dak li jingħad mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha. B'hekk isegwi li l-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi u għaldaqstant il-Qorti ser tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħha.

Illi, dwar l-imgħax mitlub mis-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota li kull fattura hija l-prova tas-servizz individwali mogħti. Għalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies

fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[1] Għalhekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel (1) talba tas-soċjeta' attriċi u b'hekk tiddikjara s-soċjeta' konvenuta Fetchit Technologies Limited bħala debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont komplessiv ta' sittax-il elf, mija u wieħed u sittin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€16,161.57) ammont rappreżentanti l-bilanċ pendenti u dovut mis-soċjeta' konvenuta in konnessjoni mal-bejgħ lilha ta' diversi muturi fis-17 ta' Ġunju 2019 u t-30 ta' Settembru 2019 u in konnessjoni mas-servizzi reżi u manutenzjoni relattiva effetwata fuq il-muturi in kwistjoni, kif fuq premess;

(2) Tilqa' t-tieni (2) talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna u tordna lis-soċjeta' konvenuta Fetchit Technologies Limited tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma komplessiva ta' sittax-il elf, mija u wieħed u sittin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€16,161.57).

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi u l-imgħax legali bit-tmienja fil-mija (8%) hekk kif mitlub fl-istess Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi sad-data tal-ħlas effettiv jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta' konvenuta Fetchit Technologies Limited.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |

[1] *Vide* **J&M Aluminium Ltd. vs. Alu. Care Mosta Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 2012.